MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 856/2005

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Kenneth Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kenneth Cassar, ta' 35 sena, iben Maria Cassar, imwieled Pieta' nhar 16 ta' Dicembru 1970, minghajr residenza fissa, detentur ta' karta ta' l-identita 17171M gie akkuzat:

Talli fil-Qawra nhar il-25 ta' Settembru 2005:

a) Bi vjolenza jew b' theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mal-kariga taghhom.

b) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

c) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahom jew li nfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' ufficjali tal-Pulizija.

d) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli numru 94 J. Farrugia.

e) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel att jew gesti oxxeni, jew b' xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

f) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.

g) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-ufficjali tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

Art.91; 96; 95(1); 221; 338(bb); 338(dd); 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol 18 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut.

Rat l-Artikoli 91, 96, 95, 221(1), 338(bb), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Kenneth Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Kenneth Cassar ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Kenneth Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Kenneth Cassar b’ obbligazzjoni personali ta’ Lm 100 li jzomm il-kwiet ma’ PC 94 Jack Farrugia u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kullhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kenneth Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------